ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2013**

IL
6

StudentBounty.com

**IT-TIENI SENA IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) Il-Ħin: 15-il minuta**

## Il-Karta tal-Għalliema

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u l-istudenti jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
Kull taqsima għandha 5 marki.

**L-Istruzzjonijiet:**

| | |
|---|---|
| L-Ewwel Silta | |
| 1 | L-istudenti jintalbu jiftħu l-karta.<br><br>L-għalliema jaqraw l-ewwel silta u l-istudenti jisimgħu b'attenzjoni u ma jiktbu xejn waqt il-qari. |
| 2 | Waqt li l-għalliema jaqraw għal darba l-eżerċizzji tal-ewwel silta, l-istudenti jistgħu jaħdmu t-tweġibiet. |
| 3 | L-għalliema jaqraw is-silta għat-tieni darba.<br><br>L-għalliema jerġgħu jaqraw l-eżerċizzji u jagħtu ċans lill-istudenti jaħdmu t-tweġibiet kollha. |
| It-Tieni Silta | |
| 4 | L-għalliema jaqraw it-tieni silta u l-istudenti jisimgħu b'attenzjoni u ma jiktbu xejn waqt il-qari. |
| 5 | Waqt li l-għalliema jaqraw għal darba l-eżerċizzji tat-tieni silta, l-istudenti jistgħu jaħdmu t-tweġibiet. |
| 6 | L-għalliema jaqraw is-silta għat-tieni darba.<br><br>L-għalliema jerġgħu jaqraw l-eżerċizzji u jagħtu ċans lill-istudenti jaħdmu t-tweġibiet kollha. |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**L-Ewwel Silta:** **L-Isport**

L-isport huwa wieħed mill-aktar passatempi popolari fid-dinja. Dan il-passatemp tista' tieħu s fih spiss jew tarah fuq it-televiżjoni s-sena kollha.

L-isport fih ħafna vantaġġi għas-saħħa fiżika u mentali. Huwa importanti ħafna li nieħdu ħsieb is-saħħa fiżika tagħna għax b'hekk barra li jkollna figura pulita nevitaw il-mard u ntawlu ħajjitna. L-isport jgħinna nirrilassaw u nserrħu moħħna mill-istress u l-problemi tal-ħajja ta' kuljum.

L-isport jgħinna naħdmu mal-oħrajn għax fil-ħajja rridu naħdmu flimkien biex ikollna suċċess. L-isport jgħinna wkoll nitbiegħdu mill-vizzji koroh tad-droga, tal-alkoħol u tat-tipjip.

L-aħjar nibdew l-isport minn meta nkunu żgħar ħalli meta nikbru nibqgħu nipprattikawh u nibqgħu b'saħħitna.

**Taħriġ A.** **(5 marki)**

**Imla l-vojt skont dak li smajt fis-silta.**

1. Il-passatemp tal-isport tista' tieħu sehem fih jew __________________ fuq it-televiżjoni.

2. Bl-isport inkunu qegħdin nieħdu ħsieb is-saħħa fiżika u ________________ tagħna.

3. Dan il-passatemp jgħinna ____________ u nserrħu moħħna mill-istress u l-problemi.

4. Bħala tim biex ikollna suċċess irridu _______________ flimkien.

5. Jekk nibdew l-isport meta nkunu żgħar meta nikbru nibqgħu ______________ .



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**It-Tieni Silta:** **Qalb Tajba**

Fil-klassi tal-iskola mhux kulħadd kellu l-istess kwalitajiet. Doreen inzertat ħdejn Tiffany li ma kinitx intelliġenti daqsha. Iżda l-qalb tajba li kellha Tiffany kienet tgħaġġeb lil Doreen.

Doreen kienet tifla mkabbra minħabba r-riżultati tajbin kollha li kienet iġġib u għalhekk fil-brejk ħadd ma ried jilgħab jew joqgħod magħha. Din il-biċċa tal-ħbieb bdiet tinkwetaha ħafna. Tiffany indunat x'qiegħed jiġri u ppruvat bil-ħlewwa kollha tgħinha. Iżda l-kliem ta' Tiffany ma bediex jogħġobha lil Doreen u spiċċat iġġieldet magħha. Tiffany xorta waħda baqgħet taqbeż u tgħin lil Doreen anke jekk sħabha tal-klassi bdew iħarsu bl-ikrah lejha wkoll. Dan kollu ġiegħel lil Doreen taħseb aktar fuq il-kliem tal-ħabiba tagħha Tiffany.

Ix-xogħol bla heda li għamlet Tiffany ħalla l-frott tiegħu għaliex wara li talbet skuża lill-ħabiba tagħha, Doreen iddeċidiet li tibdel l-mod ta' kif ġġib ruħha mal-klassi tant li spiċċat tgħin lil sħabha l-oħra tal-klassi.

**Taħriġ B.**

**Immarka ✓ fil-kaxxa taħt Veru jew Falz.** **(5 marki)**

| | VERU | FALZ |
|---|---|---|
| 1. Doreen kienet tifla brava daqs Tiffany. | | |
| 2. Tiffany kienet tgħir għal Doreen. | | |
| 3. It-tfal tal-klassi ħadu grazzja ma' Doreen. | | |
| 4. Tiffany ħadmet ħafna biex sħabha jaċċettaw lil Doreen. | | |
| 5. Doreen biddlet l-attitudni tagħha lejn il-kumplament tal-klassi. | | |

**Tmiem il-karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2013**

**IT-TIENI SENA IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) Il-Ħin: 15-il minuta**

**L-Isem u l-Kunjom: __________________________ Il-Klassi: ____________**

**Il-Marka**

**Il-KARTA TAL-ISTUDENTI**

**Taħriġ A. Imla l-vojt skont dak li smajt fis-silta.** **(5 marki)**

1. Il-passatemp tal-isport tista' tieħu sehem fih jew ___________________ fuq it-televiżjoni.
2. Bl-isport inkunu qegħdin nieħdu ħsieb is-saħħa fiżika u _________________ tagħna.
3. Dan il-passatemp jgħinna _____________ u nserrħu moħħna mill-istress u l-problemi.
4. Bħala tim biex ikollna suċċess irridu _______________ flimkien.
5. Jekk nibdew l-isport meta nkunu żgħar meta nikbru nibqgħu ________________ .

**Taħriġ B. Immarka ✓ fil-kaxxa taħt Veru jew Falz.** **(5 marki)**

| | **VERU** | **FALZ** |
|---|---|---|
| 1. Doreen kienet tifla brava daqs Tiffany. | | |
| 2. Tiffany kienet tgħir għal Doreen. | | |
| 3. It-tfal tal-klassi ħadu grazzja ma' Doreen. | | |
| 4. Tiffany ħadmet ħafna biex sħabha jaċċettaw lil Doreen. | | |
| 5. Doreen biddlet l-attitudni tagħha lejn il-kumplament tal-klassi. | | |

**Tmiem il-Karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

StudentBounty.com

| **IT-TIENI SENA** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **IL-ĦIN: Sagħtejn** |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________ **Il-klassi:** ______________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Is-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

**Kummenti**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Taqsima A    IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

### L-istorja tal-kelb Hachiko

Darba waħda fl-1924 il-Professur Eisaburo Ueno wasal lura bħas-soltu fl-istazzjon tal-ferrovija Shibuya f'Tokyo. Hemmhekk lemaħ ġeru **jħuf** mitluf. Qabdu, refgħu fi ħdanu u mellislu rasu. Kien tassew gustuż. Il-Professur beda jipprova jsib lil sid il-kelb iżda l-istazzjon malajr **tbattal**. **(par. 1)**




Il-Professur ma felaħx iħalli lil dan il-ġeru waħdu fil-ksieħ ta' stazzjon vojt u għalhekk **ħadu** miegħu d-dar. Għadda ż-żmien u Hachiko, għax hekk semmieh il-Professur, beda jikber u sar kelb sabiħ. Bejn il-Professur u Hachiko **nibtet** ħbiberija kbira li għadha tissemma sal-lum. **(par. 2)**

Ta' kuljum, fil-ħin li sidu jasal lura mix-xogħol, Hachiko kien imur fl-istazzjon tal-ferrovija u joqgħod bilqiegħda fl-istess post jistennieh ġej. Kemm kienu jifirħu b'xulxin! Kulħadd kien jammirahom għax tassew kellhom ħbiberija speċjali. Darba l-Professur ma niżilx mill-ferrovija. Għalxejn qagħad jistennieh Hachiko għax sidu baqa' ma ġiex. **(par. 3)**

Wara l-mewt tal-Professur, Hachiko ttieħed għand familja oħra iżda **ma kienx għal qalbu**. Ikun fejn ikun, fil-ħin li s-soltu l-Professur kien jasal lura l-istazzjon, Hachiko kien dejjem jaħrab. Baqa' jittama li xi darba għad jerġa' jara 'l sidu ġej lura mix-xogħol. **(par. 4)**

Is-sidien tal-ħwienet kienu jitħassruh jistenna l-aktar meta beda jixjieħ. Min seta' **jfiehmu** lil Hachiko li sidu kien miet? Hachiko għamel aktar minn disa' snin, ta' kuljum fl-istess ħin u fl-istess post imur jistenna 'l sidu ġej lura mix-xogħol. **(par. 5)**

Kien f'dan l-istazzjon li twieldet il-ħbiberija bejn il-Professur u l-kelb tiegħu Hachiko. Kien f'dan l-istazzjon ukoll li Hachiko miet, waqt li kien qed jistenna lil sidu jiġi lura mix-xogħol. **(par. 6)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| **Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** | **ka)** |
|---|---|

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta li qrajt.**

**1.** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Malli l-Professur wasal fl-istazzjon lemaħ | | ġeru mitluf tassew gustuż u lil sidu. |
| | | | ġeru gustuż waħdu. |
| | | | ġeru mitluf tassew gustuż ġo ferrovija. |
| | | | ġeru waħdu u kelb sabiħ. |
| | | | |
| **b.** | Hachiko u sidu saru | | jinġiebu tajjeb bejniethom. |
| | | | ma jarawx għajn b'għajn. |
| | | | sbieħ, kbar u tassew gustużi. |
| | | | jitkellmu flimkien u jsiefru flimkien. |
| | | | |
| **ċ.** | Hachiko kien jistenna lil sidu | | b'qalbu mtertqa wara l-bieb tad-dar. |
| | | | rieqed ġo kaxxa ħdejn l-istazzjon. |
| | | | fuq vagun tal-ferrovija fl-istazzjon. |
| | | | bilqiegħda fl-istazzjon. |

**(marka l-waħda)**

**2.** Għaliex Hachiko qagħad jistenna 'l sidu għalxejn? X'kien ġralu sid il-kelb?

______________________________________________ **(marka)**

**3.** Xi ġralu Hachiko wara disa' snin jistenna lil sidu?

______________________________________________ **(marka)**

**4.** X'juri dan dwar il-kelb?

______________________________________________ **(marka)**

**5.** "... u għalhekk **ħadu** miegħu d-dar. **(par. 2)**." Għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż **u** f'**ħadu**?

______________________________________________ **(marka)**

**6.** Sib fis-silta kelma/frażi li tfisser:

**a.** "ra" **(par. 1)**: ______________________

**b.** "bard" **(par. 2)**: ______________________ **(marka l-waħda)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**7.** Agħti **kelma waħda** li tagħmel sens skont is-silta flok il-kliem li ġej:

**a.** "jħuf" **(par.1)** ________________________ **ċ.** "nibtet" **(par. 2)** ________________________

**b.** "tbattal" **(par. 1)** ________________________ **d.** "jfiehmu" **(par. 5)** ________________________

**(marka l-waħda)**

**8.** Fisser l-espressjoni li għandha linja taħtha: "Hachiko ttieħed għand familja oħra iżda **ma kienx għal qalbu**." **(par. 4)**

________________________________________________________________ **(marka)**

| **Taqsima B. Il-Grammatika** | **(10 marki)** |
|---|---|

**(marka kull tweġiba)**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | Nissel **nom verbali** mill-verb **''kesaħ''.** | Il-Professur ġabar il-ġeru fil- _____________ tal-lejl. |
| **2.** | Imla l-vojt bil-**plural** ta' **''storja''**. | Il-Professur kien qara ħafna ______________ ta' klieb mitlufin. |
| **3.** | Imla l-vojt bis-**singular** tal-kelma **''jiem''**. | _____________ minnhom il-kelb mar jistenna lil sidu għalxejn. |
| **4.** | Agħti **l-plural sħiħ** tal-kelma **''kaxxa''**. | Il-Professur mar jara xi _____________ tal-klieb biex jixtri waħda għall-kelb. |
| **5.** | Agħti **l-istat kostrutt** tal-frażi b'linja taħtha: | Il-kelb gidem **il-widna tal-Professur.**<br>Il-kelb gidem _____________________________ . |
| **6.** | Ikteb **pronom personali** minflok il-frażi b'sing taħtha: | **Is-sidien tal-ħwienet** tħassru lill-kelb.<br>_________________ tħassru lill-kelb. |
| **7.** | Aqleb fil-**femminil** il-kelma mmarkata b'linja taħtha. | **Missier** il-Professur kien irabbi l-klieb.<br>______________ il-Professur kienet trabbi l-klieb. |
| **8.** | a. Aqta' sing taħt il-**verb** tas-sentenza.<br>b. Ikteb il-**mamma** tal-verb.<br>ċ Agħti **l-għerq** tiegħu. | a. Is-sidien tal-ħwienet temgħu lill-kelb.<br>b. Il-mamma: ______________<br>ċ. L-għerq: ______________ |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima Ċ. Il-Letteratura** **a)**

**Ċ i. Il-Poeżija** (*Nadriet 2* ta' Tarċisju Zarb) **(15-il**

**1**. Din hija strofa mill-poeżija **Ġejja x-Xita** ta' **Mary Meilak**



**Il-ħuttaf ħafif daqs vleġġa,**
**Ħalla s-sema u ġie jbus l-art,**
**Ġewwa l-qliel in-naħal trekken,**
**Ħalla l-ġonna, reħa l-ward.**

**a**. Din l-istrofa tissejjaħ: terzina ❑ kwartina ❑ sunett ❑

**b**. Sib u ikteb similitudni mill-istrofa t'hawn fuq. ____________________

**ċ**. Sib u ikteb personifikazzjoni mill-istrofa t'hawn fuq. ____________________

**d**. Ikteb żewġ kelmiet li jirrimaw mill-istrofa t'hawn fuq. __________ - __________

**e.** F'din il-poeżija Mary Meilak tuża l-vers ____________________

**(5 marki)**

**2**. Immarka t-tajba billi tagħmel is-sinjal ✓ fil-kaxxa t-tajba:

**a**. Il-ġrajja fil-poeżija *Ballata* ta' Rużar Briffa seħħet fi żmien:

❑ l-Għarab ❑ il-Kavallieri ❑ l-Ingliżi

**b**. Fil-poeżija *Il-Barri* ta' Ġorġ Pisani, meta l-barri xamm ir-riħa tad-demm fil-biċċerija:

❑ ħarab ❑ għajjat għajta kbira ❑ miet

**ċ**. Fil-poeżija *Il-Tokki tal-Paternoster* ta' Achille Mizzi, il-Paternoster ikeċċi:

❑ n-nanniet ❑ n-nies ❑ l-għefieret

**d**. *Wied Qirda* ta' Dun Karm titkellem dwar:

❑ personaġġ ❑ bini ❑ ġrajja

**e.** Fil-poeżija *Gelmus*, il-poeta Ġorġ Żammit, biex jinsa ftit l-inkwiet tal-ħajja, jieħu miegħu

❑ biċċa ġebla ❑ xitla sagħtar ❑ ponn ħamrija **(5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3**. Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista t'hawn taħt u ikteb fuq il-messaġġ li tħoss li wasslit[illegible]:

*Fil-Menqa* – Ġorġ Peresso, *Lejl tat-Tfulija* – Ġorġ Borg, *Settembru* – Wallace Ph. Gulia, *Il-Ħajt tas-Sejjieħ* – Rena Balzan, *Sjesta Maltija* – Kilin, *Univers Ieħor* – Dun Karm, *Ġunju* – Dun Karm, *Marsaxlokk* – Charles Flores

Isem il-poeżija ______________________________________

Isem il-poeta ______________________________________

Il-Messaġġ

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(5 marki)**

**Ċ ii Il-Proża –** (*Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta* ta' Trevor Żahra) **(15-il marka)**

**1.** Kompli dawn is-sentenzi:

**a**. Id-dar taz-zijiet kienet tobgħod lill-irġiel għax

____________________________________________________________ **. (2 marki)**

**b**. It-tifel irnexxielu jirbaħ l-imħabba ta' Marmion għax

____________________________________________________________ **. (2 marki)**

**ċ**. Danjeli kien dilettant kbir tal-_____________________. **(marka)**

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com




**2.** Ikteb **5 sentenzi** fuq **<u>wieħed</u>** minn dawn:

- Id-dar tal-Belt fejn kienu joqogħdu z-zijiet u n-nanna Ġolina *jew*
- Il-fuklar tal-kamra taz-zija Antida *jew*
- Ġrajjiet in-nannu Tittu u n-nanna Wistina *jew*
- Il-Kavallier Franċiż Fra Claude Roussel

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D. Il-Kitba** **ka)**

**D i. Il-Kitba Funzjonali** **(6**

**Il-Kitba ta' Istruzzjonijiet**



Immaġina li għandek ħutek iżgħar minnek. Qegħdin jikbru u trid tgħallimhom kif għandhom jibdew jaqsmu t-triq b'attenzjoni kbira.

Ikteb **sitt istruzzjonijiet** li permezz tagħhom tgħidilhom kif għandhom jaqsmu t-triq sewwa sabiex jevitaw kull periklu.

Tista' tuża l-kliem mill-kaxxa t'hawn taħt biex jgħinuk.

| |
|---|
| oqgħod – bankina – ħares – xellug – lemin – karozzi – aqsam – attenzjoni – stenna – għaġġel |

It-Titlu: ____________________________________

**1.**________________________________________________________________________

**2.**________________________________________________________________________

**3.**________________________________________________________________________

**4.**________________________________________________________________________

**5.**________________________________________________________________________

**6.**________________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| D ii. Il-Komponiment | [illegible]a) |
|---|---|

StudentBounty.com

Agħżel **WIEĦED** mit-titli li jogħġbok l-aktar u ikteb madwar **200 kelma** fuqu fil-linji pprovduti. Ti[illegible] tuża l-għajnuniet ipprovduti biex tfassal il-komponiment tiegħek.

1. **Fil-ħajja tagħna niltaqgħu ma' ħafna nies li huma importanti għalina. Tkellem dwar <u>tnejn</u> minn dawn in-nies u għid għaliex tqishom importanti f'ħajtek.**
   *Min huma dawn in-nies?X'jiġu minnek jew kif sirt tafhom? X'karattru għandhom? X'għamlu speċjali għalik biex tqishom importanti f'ħajtek?*

2. **Kont sejjer lura d-dar wara l-iskola meta ... Kompli din l-istorja.**
   *Ma' min kont? X'rajt u xi smajt speċjali? X'għamilt? Kif spiċċat din l-avventura?*

3. **Is-sabiħ u l-ikrah tat-triq fejn noqgħod.**
   *X'hemm sabiħ fit-triq tiegħek? X'hemm ikrah? Ikteb fuq l-indafa, l-ambjent, it-traffiku, l-istorbju, in-negozju, in-nies, u l-bqija.*

**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.)**

| |
|---|
| |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Komponiment numru __________(Agħżel 1, 2, jew 3)**

**Tmiem il-karta**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers